KUNSILL LOKALI

**MOSTA**

LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 21 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 25 ta' April 2013 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fit-8.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.55p.m. | 10.45p.m. |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.30p.m. | 10.45p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 8.00p.m. | 10.45p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 8.05p.m. | 8.35p.m. |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 7.45p.m. | 8.18p.m.( left during YEC presentation) |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.40p.m. | 10.45p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | Skużata | |
| Kunsillier James Cassar | 7,45p.m. | 10.45p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.40p.m. | 10.45p.m. |
| Kunsillier David Meilak | Skużat | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.45p.m. | 10.45p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru. 20 tas- 27 ta' Marzu 2013**

Il-minuti tal-laqgħa nru. 21 li saret nhar il-Erbgħa, 27 ta' Marzu 2013 u li kienu ntbagħtu qabel lill-Kunsilliera ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament wara li saru żewġ korrezzjonijiet kif jidher hawn taħt:

(a) Fit-tieni paġna fit-tielet paragrafu tal-*item* 3.0 iddaħħal il-kunjom **'Scicluna'** wara l-isem **'Julian'**.

(b) Fit-tielet paġna fil-paragrafu tal-*item* 6.0 tneħħew il-kliem **'mill-Kunsillier Keith Cassar'** u minflok iddaħlu l-kliem **'mis-Sindku'**.

**F'dan l-istadju, s-Sindku talbet u ġie approvat unanimament li ssir sospensjoni tar-regolamenti sabiex l-laqgħa tgħaddi għal-item No. 5 tal-Agenda.**

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

**2.00 Presentation by Mrs. Anna Grech - Youth Worker mal-Kunsill Lokali Mosta.**

Is-Sinjura Grech għamlet preżentazzjoni viżiva permezz ta' Power Point fuq *screen* dwar l-istorja u x-xogħol tagħha ma' żagħżagħ Mostin. Hija qalet li dan il-programm tal-Youth Empowerment Centre fil-Mosta issa kien ilu għaddej għal dawn l-aħħar 9 snin u dan x-xogħol hija kienet tagħmlu bil-għajnuna ta 23 voluntier. Barra mill-post fi Triq it-Tabib Chetcuti, ipprovdut mill-Kunsill Lokali tal-Mosta, huma kienu jgħamlu wkoll użu mill-*Multi Purpose Ground* tal-iskola 'Lily of the Valley'.

L-iskop ta' dan il-programm kien li jsir żvilupp tal-potenzjal li għandhom iż-żgħażagħ f'dawk li huma talenti kif ukoll sabiex iżomm iż-żgħażagħ attivi permezz ta' attivitajiet f'programmi diversi fosthom parteċipazjoni flimkien ma' żgħażagħ oħra barranin fi-programmi tal-U. E. Il-Y.E.C. tal-Mosta kien l-ewwel wieħed li twaqqaf f'Malta u kien irnexxielu japplika u jakkwista diversi fondi mill-U.E. Iż-żagħżagħ jingħataw ċertifikati meta dawn jipparteċipaw fid-diversi attivitajiet.

Is-Sinjura Grech spjegat fid-dettall u permezz ta' ritratti d-diversi attivitajiet li huma kienu għamlu matul is-snin. Hija qalet ukoll li din s-sena kienu ser japplikaw għal-President's Award Scheme.

Hija fakkret li kien importanti li dawn ż-żgħażagħ jiġu mgħejjuna fl-iżvilupp tat-talenti tagħhom għaliex dawn kienu ser ikunu l-mexxejja ta' għada.

Is-Sindku rringrazzjat lis-Sinjura Grech għax-xogħol tagħha, talbitha tibqa għaddejja bix-xogħol tagħha, u wegħdet li l-Kunsill kien ser jibqa jagħti l-appoġġ u s-*support* tiegħu għal-dan iċ-ċentru taż-żgħażagħ.

**F'dan l-istadju, s-Sindku talbet u ġie approvat unanimament li ssir sospensjoni oħra tar-regolamenti sabiex l-laqgħa tgħaddi għal-*item* Nru. 6 tal-Agenda.**

**3.00 Evaluation of Tender**

- **Street Sweeping & Cleaning**

Il-Perit Maurice Galea li kien għamel ir-rapporti tal-evalwazjoni tat-Tender, ġie mistieden jipparteċipa f'dan l-*item* tal-Agenda.

Is-Sindku spjegat li wara li l-Kumitat tal-Aġġudikazjoni tal-Kuntratti kien iltaqa darbtejn sabiex jiddiskuti l-għaxar offerti li l-Kunsill kien irċieva għal dan it-tender u wara li kienu studjaw u ddiskutew fid-dettal żewġ rapporti li kien għamel l-Perit Maurice Galea, kien ġie deċiż li l-Kumitat tal-Aġġudikazjoni tal-Kuntratti jirrakkomanda li ż-żewġ kuntratturi li l-aktar kienu idoniċi li jingħatalhom il-kuntratt jissejħu sabiex jidhru quddiem il-Kunsill u l-Kunsill jiddeċiedi liema wieħed minnhom għandu jingħata l-Kuntratt. Il Kunsill qabel ma din ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat.

Ġie msejjaħ l-ewwel il-kuntrattur Christian Gauci u wara l-kuntrattur Wilson Mifsud.

Dawn irrispondew għad-domandi tal-kunsilliera u spjegaw il-metodu, numru ta' ħaddiema, apparat, u numru tas-sigħat ta' xogħol li huma kienu ser japplikaw sabiex iwettqu x-xogħol kif stipulat fis-sejħa għal-offerti ta' dan il-kuntratt.

Il-Kunsillier Alex Muscat qal li huwa kellu riżerva dwar il-Kuntrattur Wilson Mifsud għaliex għalkemm dan kien irħas fil-prezz, huwa kien ser jiddedika anqas sigħat ta' xogħol (*man-hours*) mill-kuntrattur Christian Gauci.

Kemm is-Sindku kif ukoll l-Perit Galea rrimarkaw li l-Kuntrattur Wilson Mifsud kien jidher li kien aktar *assertive* fir-risposti li għamlulu l-Kunsilliera u li kien jidher li kellu aktar esperjenza tax-xogħol u għalhekk kienu qed jipproponu li l-kuntratt jingħata lill-Wilson Mifsud.

Il-Kunsillier Muscat qal li la darba kien jidher li l-maġġoranza tal-Kunsilliera kienu aktar persważi li l-kuntratt għandu jingħata lil-Wilson Mifsud, huwa ma kienx ser jinsisti li dan jingħata lil-Christian Gauci u għalhekk kien ser imur mal-maġġoranza u jaqbel li l-kuntatt jingħata lis-Sur Wilson Mifsud għaliex wara kollox dan kien għamel offerta irħas min dik ta' Gauci.

Il-Kunsill għalhekk qabel unanimament li l-kuntratt jingħata lis-Sur Wilson Mifsud.

**4.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

4.01 Dwar item 2.01 Il-Kunsillier James Cassar qal li huwa kien ikkuntattja lill-President tal-M.F.C, li kien preżentament indispost, u dan issuġġerixxa li wara l-iffirmar tal-ftehim bejn il-Kunsill u l-klabb tal-futbol issir xi tip ta' attivita bejn iż-żewġ entitajiet.

Il-Viċi Sindku, s-Sur Joseph De Martino, qal li l-iffirmar tal-ftehim issa kien ilu ferm li kellu jiġi ffirmat. Huwa qal li dawn id-dirigenti tal-klabb ma kienux ġew għal-iffirmar.

Is-Sindku qalet li jirriżulta li meta kellu jiġi iffirmat il-ftehim, il-President tal-klabb kien indispost u min ġie biex jiffirma ma kienx legalment awtorizzat u għalhekk dan l-iffirmar ma sarx fid-data ffissata u kien qed jiġi propost li jiġi iffirmat f'data oħra meta jkunu jistgħu jattendu dawk l-uffiċjali tal-klabb li huma awtorizzati jiffirmaw.

Ġie deċiż li l-attivita proposta ssir wara li jsir l-iffirmar tal-ftehim.

4.02 Dwar il-Batterija tat-Tarġa (f'*item* 2.00 tal-minuti) il-Viċi-Sindku s-Sur Joseph De Martino aġġorna l-laqgħa tal-Kunsill dwar il-laqgħat tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Batterija tat-Tarġa u li kienet saret talba lid-Dipartiment tal-Artijiet biex issir laqgħa mad-Direttur tal-Artijiet sabiex jiġu diskussi diversi punti tal-ftehim li kien sar bejn l-Kunsill u d-Dipartiment. Fost l-affarijiet li kellhom jiġu diskussi kien hemm ir-riduzzjoni tal-ammont ta' kera tal-post, il-problema tal-persuna li kienet qed tokkupa illegalment parti min dan il-post, u l-parteċipazjoni tal-iscouts Group tal-Mosta.

Il-Kunsillier Keith Cassar offra li jkun jifforma parti mill-Kumitat tat-Tmexxija tal-Batterija tat-Tarġa. Din it-talba ġiet milqugħa unanimament.

Jagħtu l għotja ta' Kotba

4.03 Is-Sur Demartino semma li huwa kien talab li l-Kunsill ~~jgħin finanzjarjament~~ lill-Librerija tal-Iskola u kien ġie infurmat li dan ma setax isir għaliex il-liġi tal-kunsilli ma kienitx tippermetti dan. Huwa issuġġerixxa li ssir xi attivita oħra bħal per eżempju fejn r-residenti jintalbu jipparteċipaw billi jiġbru batteriji wżati u għal kull batterija li tinġabar l-Kunsill jagħti ammont ta' flus lil-iskola. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li dan ma kienx permess l-anqas mill-liġi u fakkar li l-Kunsill, kif kien jidher sew mill-*financial statements*, ma kienx f'pożizzjoni li joħroġ flus.

## 5.00 Materji Finanzjarji

### a) Lista ta' Pagamenti

Ġiet approvata unanimament lista ta' Pagamenti li tammonta għal €92,993.96c (skeda No.12) għal-perijodu ta' bejn il-28 ta'Marzu, 2013 u l-25 ta' April, 2013.

### (b) Lista tal-Works Orders

Ġiet approvata unanimament lista No.21 (25/4/2013) bil-Works Orders li ngħataw lill kuntrattur tal-Kunsill is-Sur Adam Bugeja.

### c) Lista tal- Purchase Orders

Ġiet approvata unanimament lista ta' Purchase Orders No. 21 għax-xhur ta' Marzu/April, 2013.

### d) Lista ta Depożiti

Lista ta' Depożiti fil-bank ma ġietx approvata għaliex kien hemm xi żbalji fit-totali ta' din il-lista. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab jivverifika l-figuri u jerġa jressaq din il-lista fil-laqgħa li jmiss.

## 6.00 Korrispondenza

Tressqet il-lista ta' korrispondenza għad-diskussjoni tal-Kunsill. Il-lista flimkien mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill, tinstab annessa ma' dawn il-minuti.

## 7.00 Multi Purpose Pitch – Lily of the Valley School

Is-Sindku Dr. Shirley Farrugia spjegat li fil-ġranet li għaddew hija, flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għal-laqgħa mal-headmistress u d-diriġenti tal-iskola Lily of the Valley u ddiskutew t-tmexxija tal-*Multi Purpose Pitch* li dwaru kien hemm ftehim bejn l-iskola u l-Kunsill.

Kien jidher li dan l-grawnd ma kienx qed jiġi utilizzat biżżejjed min naħa tal-Kunsill u għalhekk ġie rrakkomandat li jiġi iffurmat kumitat imħallat bejn l-iskola u l-Kunsill sabiex jmexxi u jindirizza d-diversi nuqqasijiet li kien hemm f 'dan il-grawnd.

Kien ġie innotat ukoll li kienu qed isiru diversi atti ta' vandaliżmu f'dan il-grawnd u li kien hemm bżonn ta' manutenzjoni kontinwa. Il-*handymen* tal-Kunsill kienu ġew ordnati jaraw li ssir l-manutenzjoni meħtieġa.

Kienet saret sejħa lid-diversi għaqdiet u soċjetajiet tal-Mosta biex jekk dawn kien jinteressahom jużaw dan il-grawnd jinformaw lil-Kunsill.

Is-Sindku qalet li jekk jintlaħaq xi forma ma ftehim għal-użu akbar ta' din il-faċilita', il-Kunsill jiġi informat.

## 8.00 Lejla Agrarja 2013

Ġie approvat unanimament li l-attivita 'Lejla Agrarja –Bidnija 2013' issir fit-13 ta' Lulju, 2013 .

Is-Sindku nfurmat li kien jidher li hemm xi diffikulta dwar l-użu tal-għalqa (bħas-sena l-oħra) għal din l-attivita u hija kienet ser tara kif tista tiġi solvuta din il-problema.

## 9.00 Aġġornament dwar xogħol ta' toroq PPP 2

Is-Sindku, Dr. Shirley Farrugia, spjegat li meta beda x-xogħol fi Triq E.B.Vella kien instab li kien hemm ħafna ħamrija u għalhekk x-xogħol kien waqa lura. Kien hemm bżonn ukoll li jinbidlu s-servizzi tal-ilma. Kien jidher li l-ispiża sabiex issir din it-triq kienet ser tkun akbar min kif kien stmat. Hija qalet li jekk dan ikun il-każ anke fit-toroq l-oħra li kien hemm ippjanat li jsiru, kien jista jirriżulta li ma jkunx hemm biżżejjed flus u jkollu jonqos n-numru ta' toroq li jistgħu jsiru.

Barra min dan is-Sindku spjegat li wara li nġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar diversi nuqqasijiet, kien ġie deċiż li l-perit inkarigat joħroġ *default notice* lill-kuntrattur.

Il-Kunsill approva l-miżuri li kienet ħadet l-amministrazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-kuntrattur.

## 10.00 Affarijiet Oħra

Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph DeMartino ppreżenta l-*wording* li għandu jinkiteb fuq il-plakka li kienet ser titwaħħal mal-ħajt tad-dar ta' Lorenzo Attard li kien ingħata Ġieħ il-Mosta. Huwa qal ukoll li kien hemm l-approvazzjoni ta' sid id-dar sabiex titwaħħal din il-lapida.

Is-Sindku qalet li l-*wording* għandu jiġi ċċekkjat u tiġi deċiża d-data meta l-aħjar issir iċ-ċerimonja tal-kxif ta' din il-plakka.

Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph De Martino talab u ġie approvat unanimament li s-sorijiet Franġiskani tad-dar 'Pax et Bonum' għandhom jingħataw 'Ġieħ il-Mosta' fl-okkażjoni tal-50 sena mit-twaqqif ta' din d-dar b'rikonoxximent tal-ġid li huma jagħmlu mal-anzjani u b'mod speċjali ma' anzjani Mostin. Ġie approvat li l-għoti ta' din l-onorefiċenza għandu jingħata barra miż-żmien li soltu tingħata u ssir f'ċerimonja li ssir fid-dar 'Pax et Bonum' stess fil-preżenza tal-anzjani wara l-quddiesa tal-Ħadd.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġie awtorizzzat jixtri l-medalja tad-deheb u jieħu ħsieb jordna ċ-ċertifikat u gwarniċ għal din iċ-ċerimonja.

Il-Laqgħa spiċċat fil-10.45 ta' filgħaxija.

Dott Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv